Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,472, 28 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 353 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019
għall-Grad ta' Bachelor of Arts – B.A. - in Theology and Human Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts – B.A. - in Theology and Human Studies, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts – B.A. in Theology and Human Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 172 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“**Il-Programm tal-Kors**

6. Il-programm ta’ studju għandu jkopri taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS, li mhux anqas minn 94 krettu ECTS għandhom ikunu assenjati għal taqsimiet studju fit-Teoloġija, fil-Filosofija, u oqsma relatati, u mhux anqas minn 80 krettu ECTS għandhom ikunu assenjati għal taqsimiet studju fit-tieni qasam ta’ studju Prinċipali.”

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent**

8. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f’kull sena tal-Kors li jingħataw piż skont il-kriterji li ġejjin:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	25%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	35%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.”